MALTA

# QORTI ĊIVILI
## Sezzjoni tal-Kummerċ

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum it-2 ta' Marzu, 2020

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 179/2020/1 LM

**Camilleri Paris Mode Limited (C 16536); Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd (C 23867); AGP Systems Limited (C 17009) u Xuereb Installations Limited (C 15321)**

***vs.***

**Kevin Vassallo, direttur, iben George Vassallo u Maria Stella xebba Deguara, imwieled San Ġiljan u residenti Mosta, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 401475M**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Camilleri Paris Mode Limited** (C 16536), **Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited** (C 23867), **AGP Systems Limited** (C

17009), u **Xuereb Installations Limited** (C 15321) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ġie ppreżentat fl-4 ta' Frar, 2020, li jgħid:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi, jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari d-dar numru sebgħa (7), inkluż l-arja sovrastanti u s-sottosuol tagħha kif ukoll il-ġnien anness magħha, fi Triq Blanche Huber, Sliema, kif aħjar deskritta fil-kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku André Farrugia fid-disgħa (9) t'April tas-sena elfejn u ħmistax (2015).*

*Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu l-akkoljiment provviżorju ta' dan il-mandat billi jirriżulta li l-immobbli fuq deskritt b'mod partikolari huwa l-uniku attiv immobiljari appartenenti lill-intimat.*

*Ir-rikorrenti Camilleri Paris Mode Limited ġiet kanonizzata kreditriċi tal-kumpannija A.L. Projects Limited, qabel magħrufa bħala Auntie Lucy Ltd. fl-ammont ta' sebgħa u disgħin elf, mitejn u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu €97,250.23), oltre spejjeż u mgħaxijiet, permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***'Camilleri Paris Mode Limited vs A.L. Projects Limited, ġia magħrufa bħala Auntie Lucy Limited'*** *(Rikors Maħluf Numru 1106/2016 JRM) fit-22 ta' Marzu 2017, liema sentenza għaddiet in ġudikat.*

*Illi r-rikorrenti Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd. ġiet kanonizzata kreditriċi tal-kumpannija A.L. Projects Limited, qabel magħrufa bħala Auntie Lucy Ltd., fl-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u sitta u tletin euro u tmien ċenteżmi (€44,536.08), oltre spejjeż u imgħaxijiet, permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***'Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd vs A.L. Projects Limited, ġia magħrufa bħala Auntie Lucy Limited et'*** *(Rikors Maħluf Numru 34/2017 JZM) fis-27 ta' Ġunju 2017, liema sentenza għaddiet in ġudikat.*

*Illi r-rikorrenti AGP Systems Limited ġiet kanonizzata kreditriċi tal-kumpannija A.L. Projects Limited, qabel magħrufa bħala Auntie Lucy Ltd., fl-ammont ta' tlieta u tletin elf, seba' mija u ħamsa u ħamsin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€33,755.81), oltre spejjeż u imgħaxijiet, permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***'AGP Systems Limited vs A.L. Projects Limited, magħrufa***

***preċedentement bħala Auntie Lucy Limited**' (Rikors Maħluf Numru 544/2016 SM) fit-23 ta' Novembru 2016, liema sentenza għaddiet in ġudikat.*

*Illi r-rikorrenti Xuereb Installations Limited hija kreditriċi tal-kumpanija A.L. Projects Limited, qabel magħrufa bħala Auntie Lucy Limited, fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u erbgħin elf, mija u wieħed u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€648,181.34), u dan oltre imgħax kummerċjali u spejjeż oħrajn, liema kreditu huwa naxxenti minn appalt eżegwit mir-rikorrenti Xuereb Installations Limited fuq inkarigu tal-kumpannija A.L. Projects Limited, qabel magħrufa bħala Auntie Lucy Limited, fil-lukanda magħrufa bħala "The Intercontinental Hotel" f'San Ġiljan.*

*Illi l-kumpannija debitriċi tar-rikorrenti kollha baqgħet ma ħallsitx id-djun tagħha, tant li permezz ta' ordni mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet '**Camilleri Paris Mode Limited et vs A.L. Projects Limited ġia magħrufa bħala Auntie Lucy Limited et**', (Rikors Numru 616/2017 JZM) ġie deċiż u ddikjarat, fost ħwejjeġ oħra, illi l-kumpannija A.L. Projects Limited mhijiex f'qagħda li tħallas id-djun tagħha abbażi tal-Artikolu 214(5)(a) u tal-artikolu 214(5)(b) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u ġie ordnat ix-xoljiment tal-imsemmija kumpannija b'effett mis-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017), kif ukoll l-istralċ tagħha, għal liema għan ġie maħtur bħala stralċjarju r-Riċevitur Uffiċjali.*

*Illi l-intimat Kevin Vassallo, għalkemm qatt formalment maħtur bħala direttur, kien jaġixxi bħala direttur de facto tal-kumpannija A.L. Projects Limited.*

*Illi l-intimat, flimkien ma' persuni oħra, li wkoll ġew konvenuti fil-kawża li qed issir kontestwalment mal-preżenti, mexxew in-negozju tal-kumpannija A.L. Projects Limited bil-ħsieb ta' frodi tal-kredituri tal-kumpannija u b'għan ta' frodi, u għalhekk għandhom jiġu ddikjarati personalment responsabbli għad-dejn dovut lill-atturi. Tali frodi ġiet perpetrata permezz tat-tmexxija tan-negozju A.L. Projects Limited b'nonkuranza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u tal-obbligazzjonijiet statutorji tagħhom, u billi l-intimat, u persuni oħra, dolożament żvestew lill-kumpannija A.L. Projects Limited minn kull attiv tagħha u kif ukoll ippermettew jew iddeċidew li l-kumpannija A.L. Projects Limited tikkuntratta negozju jew negozji mingħajr ma kellha s-solvibbilità neċessarja u meħtieġa għal tali negozju jew negozji.*

*Illi dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex jiġi kkawtelat il-kreditu tar-rikorrenti.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.*

Rat illi l-intimat **Kevin Vassallo** ġie debitament notifikat bir-Rikors fl-4 ta' Frar, 2020.

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Frar, 2020 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12

Rat ir-Risposta tal-intimat **Kevin Vassallo** (minn issa "l-intimat"), ippreżentata fit-13 ta' Frar, 2020 fl-atti ta' dan il-Mandat, li tgħid kif ġej:

*Illi t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tiegħu għandha tiġi miċħuda bħala kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet:*

***Nuqqas ta' prova ta' jedd prima facie***

*Dwar il-prova tal-jedd prima facie fi proċeduri ta' din ix-xorta, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfre**[1], sostniet is-segwenti:*

*"… huwa <u>rekwiżit oġġettiv u mhux suġġettiv</u>, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat." (sottolinear miżjud)*

*Minn qari tar-Rikors de quo jirriżulta li r-rikorrenti qed jibbażaw il-pretensjoni tagħhom fuq allegazzjoni li l-esponenti, "… flimkien ma' persuni oħra li wkoll ġew konvenuti fil-kawża li qed issir kontestwalment mal-preżenti, mexxew in-negozju tal-kumpannija A.L. Projects Limited bil-ħsieb ta' frodi tal-kredituri tal-kumpannija u b'għan ta' frodi, u għalhekk għandhom jiġu ddikjarati personalment responsabbli għad-dejn dovut lill-atturi …".*

[1] Koll. Vol. LXXII.ii.290 deċ. 14/7/1988.

*Huwa evidenti illi r-rikorrenti qegħdin għalhekk jibbażaw id-dritt minnhom allegat fuq l-Artikolu 315(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kummerċ bi Frodi) li jiddisponi s-segwenti:*

*"315 (1) Jekk waqt l-istralċ ta' kumpannija sew jekk b'ordni tal-Qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-ħsieb ta' frodi tal-kredituri tal-kumpannija jew ta' kredituri ta' xi persuna oħra jew bil-għan ta' frodi, il-Qorti tista' fuq rikors tar-riċevitur uffiċjali, jew tal-istralċjarju jew ta' xi kreditur jew ta' xi kontributorju tal-kumpannija, jekk jidhrilha xieraq li tagħmel hekk, tiddikjara li xi* ***persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi*** *tkun responsabbli personalment, mingħajr ebda limitazzjoni ta' responsabbilità għal kull jew għal xi dejn jew responsabbiltajiet oħra tal-kumpannija kif il-Qorti tista' tordna."*

*Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, b'applikazzjoni ta' dak li ngħad fi* ***Grech vs Manfré****, dan jirrikjedi* ***prova oġġettiva****, almenu fuq bażi prima facie, ta' xi kummerċ bi frodi jew tal-parteċipazzjoni tal-esponenti fl-istess. Għandu jkun evidenti li, fi proċeduri ta' din in-natura,* ***is-sempliċi dikjarazzjoni unilaterali tar-rikorrenti, mingħajr l-ebda sostenn ulterjuri ta' prova estranea ta' natura oġġettiva, ma tista' qatt tammonta għall-prova prima facie rikjesta għall-akkoljiment tal-mandat ta' inibizzjoni****.*

*Wara kollox, ma rridux ninsew li l-Artikolu 315(1) jgħidilna li japplika, "Jekk waqt l-istralċ ta' kumpannija …* ***ikun jidher*** *li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-ħsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpannija jew ta' kredituri ta' xi persuna oħra jew bil-għan ta' frodi …".*

*Ir-rikors de quo imkien ma juri kif dak allegat mir-rikorrenti jidher li seħħ tul il-kors tal-istralċ. Irid jingħad li r-Riċevitur Uffiċjali li ġie nominat minn din l-Onorabbli Qorti bħala stralċjarju tal-kumpannija A.L. Projects Limited, u li ċertament huma mgħarraf b'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-istralċ tal-imsemmija kumpannija, ma pparteċipax f'din il-proċedura u lanqas biss istitwixxa proċedura simili marte proprio kif kellu kull setgħa (u possibilment obbligu) li jagħmel. Li kieku kien minnu li seħħ dak allegat mir-rikorrenti, wieħed kien jistenna li r-Riċevitur Uffiċjali kien ser ikollu xi sehem f'dawn il-proċeduri jew li altrimenti jistitwixxi proċeduri oħra simili kontra l-esponenti.*

*L-esponenti ser jgħaddi issa biex janalizza seriatim l-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tiegħu fir-Rikors de quo.*

1. ***L-allegazzjoni li l-esponenti "għalkemm qatt formalment maħtur bħala direttur, kien jaġixxi bħala direttur de facto tal-kumpannija A. L. Projects."***

   *L-esponenti jgħid li huwa kien jikkwalifika bħala shadow director. L-esponenti ma kellu l-ebda setgħa jew kontroll fuq l-amministrazzjoni finanzjarja ta' A.L. projects Limited u konsegwentement qatt ma jista' jinstab responsabbli ta' xi kummerċ bi frodi.*

2. ***L-allegazzjoni li l-kummerċ bi frodi ġie mwettaq mill-esponenti "…. B'non kuranza ta' osservanza tar-regolamenti u ta' obbligazzjonijiet statutorji …".***

   *Qabel xejn, irid jingħad mill-ewwel li din l-asserzjoni hija waħda wiesgħa u ġenerika għall-aħħar għaliex ir-rikorrenti lanqas biss speċifikaw fiex kienu jikkonsistu dawk ir-regolamenti u/jew obbligi statutorji li l-esponenti allegatament naqas milli jwettaq. Għalhekk, ċertament, wieħed jista' biss jispekula x'seta' kellhom f'moħħhom ir-rikorrenti meta għamlu din l-allegazzjoni.*

   *Barra minn hekk, din l-allegazzjoni tfalli mill-ewwel għal żewġ raġunijiet:*

(a) *Jirriżulta ex admissis mir-Rikors de quo li l-esponenti mhuwiex u qatt ma kien direttur tal-kumpannija A.L. Projects Limited. Għalhekk, hu qatt ma seta' kellu xi obbligi statutorji inkombenti fuqu, e.g. li jippreżenta xi audited accounts, eċċ. Huma biss id-diretturi tal-kumpannija li huma vinkolati b'tali obbligi.*

(b) *Ir-responsabbilità ai termini tal-Artikolu 315(1) titnissel minn aġir jew intenzjoni frawdolenti. Għalhekk trid issir prova ta' frodi almenu fuq livell ta' prima facie. In-non osservanza ta' regolamenti u/jew obbligi statutorji fiha nnifisha ma tistax tiġi ekwiparata għall-frodi. Kif ingħad mill-awturi Andrew Keay u Peter Walton f'Insolvency Law: Corporate and Personal,*[2]

   *"For a person to be liable there must be some* ***positive action taken****, so if an officer of, or adviser to, the company, such as the company secretary, neglects to inform the directors that the company is insolvent and what the consequences are in continuing to trade, that person is not liable criminally or civilly, as there is a need for some positive conduct for there to be fraud. A person is not liable merely because he or she nominated a person as a director who committed fraudulent trading, or because he or she had the opportunity of influencing the conduct of the affairs of the company. Company officers will not, necessarily, be liable for trading while the company is insolvent."*

[2] P. 553.

*Bl-istess mod, in-nuqqas ta' konformità ma' xi obbligu statutorju, e.g. billi ma jiġux preżentati audited accounts ta' kull sena, ma jista' qatt jammonta għal att pożittiv hekk kif rikjest għall-finijiet tal-frodi prevista mill-Artikolu 315(1) tal-Att u allura ma jista' qatt ikun hemm l-ebda frodi.*

3. ***L-allegazzjoni li l-esponenti, flimkien ma' oħrajn, "… dolożament żvestew lill-kumpannija A.L. Projects minn kull attiv tagħha …".***

   *L-esponenti jiċħad din l-allegazzjoni bl-aktar mod kategoriku.*

   *Apparti l-allegazzjoni kontenuta fir-Rikors de quo, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova ta' dak li qed jgħidu. La qalu x'kienu l-assi li suppost ġew żvestiti, la qalu meta seħħ l-allegat dolo, jew fejn, skont huma spiċċaw tali assi. Ir-Rikorrenti ma qalu assolutament xejn.*

   *Jiġi sottomess bir-rispett illi sempliċi allegazzjoni gratuwita magħmula mir-rikorrenti minnha nfisha ma tista' qatt tammonta għal prova prima facie ta' dik l-istess allegazzjoni!*

4. ***L-allegazzjoni li l-esponenti, flimkien ma' oħrajn, "… ippermettew jew iddeċidew li l-kumpannija A.L. Projects Limited tikkuntratta negozju jew negozji mingħajr ma kellha s-solvibbilità neċessarja u meħtieġa għal tali negozju jew negozji."***

   *Kif ingħad riċentement minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, f'**Medsea Shipping Agency Limited vs Mad Limited li preċedentement kien jisimha Bluewave Line Limited**:*[3]

   *"F'dan ir-rigward, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li, kif tgħid l-awtriċi Hanningan ("Company Law" (Butterworths, 2003) fol. 843) "**proving that the company continued to trade while insolvent is not enough**. The person bringing the action must prove that the respondent has carried on business with intent to defraud creditors or for any fraudulent purpose", u inoltre "For a person to be held knowingly party to carrying on a company's business with intent to defraud creditors requires findings and inferences as to the facts known to that person at the relevant times."*

   *Is-sempliċi fatt li l-kumpannija tkun għaddejja minn process ta' stralċ minħabba insolvenza per se ma jfissirx illi jkun seħħ xi kummerċ bi frodi. Kif rilevat, "proving*

[3] P.A. (Kumm.) Rikors Numru 1153/12 JZM deċ. 31/1/2019.

*that the company continued to trade while insolvent is not enough", trid issir il-prova tal-frodi jew intenzjoni frawdolenti fiż-żmien meta ġew inkorsi d-djun.*

*L-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-esponenti daħal f'negozju fi stat ta' insolvibilità, minnha nfisha **ma tista' qatt** twassal għal sejbien ta' aġir frawdolenti, għaliex, "proving that the company continued to trade while insolvent is not enough …".*

*Kif diġà sottomess, m'hemm l-ebda prova ta' kummerċ **bi frodi**. Għajr l-allegazzjoni unilaterali tar-rikorrenti, li kif għedna ma tammontax għal prova, fir-Rikors de quo ma nsibu l-ebda ħjiel ta' xi prova **oġġettiva,** imqar fuq livell ta' prima facie, li seħħet xi frodi.*

***Konklużjoni***

*L-esponenti jħoss li jkun opportun li jagħmel referenza għal dak deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Dr John Ludovic Gauci noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti:***

*"Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din;"[4]*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti jissottometti bir-rispett li t-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tiegħu għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Ħadet konjizzjoni tal-atti tal-proċeduri fl-ismijiet **Camilleri Paris Mode Limited et *vs.* A.L. Projects Limited et** (Rikors Numru: 616/2017 JZM).

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

[4] **L-Avukat Dr John Ludovic Gauci noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti,** P.A. 976/2008, JRM deċ. 18/7/2008.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta’ Frar, 2020, fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal Mandati ta’ Inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ ta’ dan il-Mandat li permezz tiegħu qegħdin jittentaw iżommu lill-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* b’titolu oneruż jew gratuwitu, proprjetà tiegħu, u b’mod partikolari d-dar numru sebgħa (7), li tinkludi l-arja u s-sottosuol tagħha, bi ġnien anness, fi Triq Blanche Huber, tas-Sliema, li skont ir-rikorrenti tikkostitwixxi l-uniku attiv immobiljari tal-intimat. L-intimat Kevin Vassallo ġie deskritt mir-rikorrenti bħala direttur *de facto* tal-kumpannija A.L. Projects Limited, li kienet ingħatat appalt għal diversi xogħlijiet li saru fil-lukanda InterContinental f’San Ġiljan, u li sabiex setgħet teżegwixxi dak l-appalt qabbdet għadd ta’ sub-appaltaturi, fosthom lir-rikorrenti. Il-kumpannija A.L. Projects Limited kellha problemi biex tħallas lil dawn is-sub-appaltaturi, u konsegwentement ġew istitwiti għadd ta’ kawżi fejn dawn il-kumpanniji ġew kanonizzati kredituri ta’ A.L. Projects Limited permezz ta’ diversi sentenzi tal-Qorti. L-istess rikorrenti għamlu wkoll rikors li permezz tiegħu talbu li l-kumpannija A.L. Projects Limited tiġi stralċjata, u in vista tal-fatt li ġie stabbilit li din il-kumpannija ma kellhiex biżżejjed attiv sabiex tħallas lill-kredituri tagħha, din ġiet dikjarata insolventi. Is-soċjetajiet rikorrenti qegħdin

jallegaw li d-diriġenti tal-kumpannija A.L. Projects Limited mexxew il-kumpannija bil-ħsieb li jiffrodaw lill-kredituri tagħha u għalhekk dawn għandhom jinżammu personalment responsabbli għad-djun ikkontrattati ma’ terzi u li baqgħu ma tħallsux. Ir-rikorrenti jallegaw ukoll li t-tmexxija ta’ A.L. Projects Limited saret b’nonkuranza u b’nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti u tal-obbligi statutorji tagħha, u li d-diriġenti tal-istess kumpannija, fosthom l-intimat, ippermettew li A.L. Projects Limited tisfa żvestita minn kull attiv tagħha u tagħmel negozju mingħajr ma kellha s-solvibilità meħtieġa. Ir-rikorrenti saħqu li huwa meħtieġ li dan il-Mandat jintlaqa’ sabiex jiġi kkawtelat il-kreditu dovut lilhom.

L-intimat fir-risposta tiegħu qal li din l-azzjoni ma tistax tirnexxi sa fejn ir-rikorrenti qegħdin jibbażaw il-pretensjoni tagħhom fuq l-allegazzjoni li l-intimat kien wieħed mill-persuni li mexxew in-negozju ta’ A.L. Projects Limited bil-ħsieb li jiffroda lill-kredituri tal-istess kumpannija. L-intimat isostni li għandha tinġieb almenu prova *prima facie* li kien hemm frodi jew intenzjoni frawdolenti da parti tad-diriġenti ta’ din il-kumpannija. L-intimat saħaq li trid tinġieb prova oġġettiva li l-intimat għamel kummerċ bi frodi u li sempliċi dikjarazzjoni unilaterali da parti tar-rikorrenti mingħajr is-sostenn ulterjuri ta’ prova oġġettiva ma tistax tammonta għall-prova *prima facie* meħtieġa sabiex ikun jista’ jintlaqa’ dan il-Mandat. L-intimat isostni wkoll li dak allegat mir-rikorrenti jrid ikun jidher li seħħ matul il-kors tal-istralċ u mhux f’xi żmien ieħor. Intqal ukoll li r-rwol tal-intimat fis-soċjetà A.L. Projects Limited kien dak ta’ *shadow director,* u għalhekk dan ma kellu l-ebda setgħa jew kontroll fuq l-amministrazzjoni finanzjarja ta’ A.L. Projects Limited u ma jistax jinstab responsabbli ta’ kummerċ bi frodi, u fir-

rwol tiegħu huwa ma kellu l-ebda obbligi statutorji inkombenti fuqu. L-intimat eċċepixxa li dan il-Mandat ma jistax jintlaqa' la darba ma nġabet ebda prova li seħħ kummerċ bi frodi jew li fiż-żmien li fih ġew inkorsi d-djun kien hemm intenzjoni frawdolenti.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-Mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[5]

---

[5] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré**, Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoé telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et *vs.* Carmelo Barbara et**[6]:

> "... huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoé dannu irrimedjabbli li jinneċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe***[7] tispjega:

[6] P.A., 13.05.2014.
[7] Rikors Numru 3135/94.

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[8]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[9] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta'

---

[8] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina vs. Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.
[9] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan huwa konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop huwa li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba

> għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[10]

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[11]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[12]

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti talbu l-ħruġ tal-Mandat wara li kumpannija A.L. Projects Limited, ikkontrattat appalt sabiex teżegwixxi xogħlijiet fil-lukanda InterContinental, f'San Ġiljan, u li sabiex teżegwixxi dan l-appalt qabbdet għadd ta' sub-appaltaturi, fosthom lir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri sabiex jagħmlu diversi xogħlijiet. Is-soċjetà A.L. Projects Limited kellha diversi problemi finanzjarji li

---

[10] P.A., 25.01.2005.
[11] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[12] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A. kif hawn presjeduta, 27.12.16.

minħabba fihom ma setgħetx tħallas lill-kredituri tagħha, u meta waqgħet lura fil-pagamenti, uħud minn dawn il-kredituri, fosthom is-soċjetajiet rikorrenti, ippreżentaw rikors għall-istralċ ta' din il-kumpannija. Il-Qorti li ddeċidiet dwar it-talba għall-istralċ[13] kkunsidrat li l-kumpannija A.L. Projects Limited ma kellhiex biżżejjed attiv sabiex tħallas lill-kredituri tagħha, u għalhekk din il-kumpannija ġiet dikjarata insolventi. In segwitu għall-istralċ, ir-rikorrenti li huma wħud mill-kredituri tal-kumpannija A.L. Projects Limited, dehrilhom li kien hemm biżżejjed raġunijiet sabiex setgħu jipproċedu kontra l-intimat, li huma jgħidu li kien *shadow director* tal-istess kumpannija, peress li skont dawn l-istess kredituri, dan mexxa in-negozju tal-kumpannija bil-ħsieb ta' frodi tal-kredituri tal-kumpannija. Il-Mandat odjern qiegħed jintalab fl-isfond ta' dawn il-krediti sostanzjali dovuti lir-rikorrenti, u *ai termini* ta' dak li jipprovdi l-artikolu 315(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji li jgħid li f'każ li jirriżulta li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-ħsieb ta' frodi tal-kredituri tal-kumpannija jew bil-għan ta' frodi, persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod imsemmi, jistgħu jinżammu personalment responsabbli. Dan anki f'konformità mal-insenjamenti tal-Qrati tagħna, bħal pereżempju d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Electronic Products Limited *vs.* Emmanuel Micallef et**[14], fejn intqal illi:

> "F'każ li jirriżulta kummerċ bi frodi jew ħażin, il-liġi tikkontempla t-tneħħija tar-responsabbilità limitata tad-diretturi bir-responsabbilità personali tagħhom tkun kompluta u ampja f'każ li jirriżulta kummerċ bi frodi."

[13] **Camilleri Paris Mode Limited (C 16536) et vs. A.L. Projects Limited ġia magħrufa Auntie Lucy Ltd (C 12622) et**, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), 31.01.2019.
[14] 25.10.2013, (Rik. Nru. 519/2005).

Il-Qorti tirrileva li dan il-Mandat qiegħed jintalab *ai termini* tal-artikolu 874 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jipprovdi li:

> “Mandat ta’ inibizzjoni jista’ jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux anqas minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86). L-iskop ta’ dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b’titolu oneruż jew gratuwitu jew b’xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u jew personali, iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta’ xi dritt fuq, jew trasferiment ta’, proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta’ kreditu.”

F’dan il-każ partikolari huwa ċar li t-talba tar-rikorrenti qegħda ssir *ai termini* tal-artikolu 874 tal-Kapitolu 12, u filwaqt li l-artikolu 873 huwa aktar ġeneriku u jimponi fost l-oħrajn ir-rekwiżit tal-‘preġudizzju irrimedjabbli’, dan ir-rekwiżit tal-preġudizzju irrimedjabbli mhux meħtieġ fl-artikolu 874. It-talba għall-ħruġ ta’ Mandat taħt l-artikolu 874 hija għodda addizzjonali għad-dispożizzjoni ta’ min jallega li għandu dritt *prima facie* li ser jiġi ppreġudikat, fejn il-kreditu tiegħu jaqbeż il-€11,646.86.

Waqt it-trattazzjoni li saret mill-avukat difensur tar-rikorrenti, intqal li hemm diversi indikaturi li d-diriġenti tal-kumpannija A.L. Projects Limited ma mxewx bl-għaqal rikjest minn persuni f’dik il-pożizzjoni u dan għad-detriment tal-kredituri, fosthom minħabba li jirriżulta li minkejja li A.L. Projects Limited daħħlet ammont sostanzjali ta’ flus mingħand is-sidien tal-lukanda fejn ġie eżegwit l-appalt, dawn il-flejjes ma ntużawx biex jitħallsu s-sub-appaltaturi. Il-Qorti semgħet ukoll kif l-*audited accounts* ta’ A.L. Projects Limited ma ġewx ippreżentati b’mod aġġornat u fil-ħin u kif minkejja li kien evidenti li l-attiv ta’

din il-kumpannija ma kienx suffiċjenti biex ikopri d-djun li din kienet ikkontrattat, id-diretturi tal-istess kumpannija kkontrattaw obbligi ġodda minflok poġġew lill-istess kumpannija f’likwidità kif kellhom obbligu li jagħmlu. Ġie spjegat li dawn il-proċeduri qegħdin jintalbu minħabba li hemm lok fejn is-soċjetajiet rikorrenti jikkawtelaw il-pożizzjoni tagħhom fil-konfront tal-intimat, li qiegħed jintalab iġorr responsabbilità personali għall-obbligi tal-kumpannija A.L. Projects Limited. Ir-rikorrenti saħqu wkoll li minkejja li l-intimat Kevin Vassallo ma kienx maħtur bħala direttur ta’ A.L. Projects Limited, fil-verità l-immaniġġjar tal-proġett inkwistjoni sar kollu minnu, u kien hu li kien jieħu ħsieb jitkellem mal-kredituri, u jieħu deċiżjonijiet dwar il-modalità tal-ħlasijiet dovuti. Intqal ukoll li azzjoni bħal din tista’ tittieħed kontra min fattwalment jaġixxi bħala direttur.

L-intimat isostni li t-talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tista’ tirnexxi biss meta l-Qorti tkun konvinta li l-kredituri għandhom jedd *prima facie* li jduru personalment fuq id-diretturi ta’ kumpannija minħabba li jirriżulta li tkun saret frodi. Intqal li l-fatt li l-proġett li daħlet għalih A.L. Projects Limited iltaqa’ ma’ diffikultajiet finanzjarji, fosthom minħabba inadempjenza ta’ terzi li wasslet biex A.L. Projects Limited kellha tħallas penali li ma kienx hemm provvediment finanzjarju għalihom, liema fatturi wasslu biex din il-kumpannija ġiet dikjarata li qiegħda fi stat ta’ insolvenza, ma jfissirx li kien hemm għemil jew intenzjonijiet frawdolenti da parti tad-diretturi ta’ A.L. Projects Limited. L-avukat difensur tal-intimat sostna li fil-kuntest ta’ dawn il-proċeduri, trid almenu ssir prova *prima facie* li trid tkun ta’ natura oġġettiva, li kien hemm għemil jew intenzjonijiet frawdolenti. Intqal li għajr għad-dikjarazzjoni unilaterali li saret mis-soċjetajiet

rikorrenti, m’hemm l-ebda prova li seħħet xi tip ta’ frodi. L-intimat argumenta li anki f’każ li jirriżulta li A.L. Projects Limited naqset milli tippreżenta l-*audited accounts* tagħha, dan xorta waħda ma jammontax għal frodi taħt l-artikolu 315 tal-Att dwar il-Kumpanniji, għalkemm jista’ jammonta għal prassi kummerċjali ħażina. Intqal ukoll li mhux minnu li kien hemm xi fondi li tħallsu lil A.L. Projects Limited li ġew iddevjati sabiex ma jitħallsux il-kredituri tal-kumpannija, u li lanqas ma ġie ppruvat jew suġġerit li xi ħadd seraq xi flus jew fondi tal-istess kumpannija. Ġie spjegat li l-proġett li kellu jiġi eżegwit minn A.L. Projects Limited mar ħażin minħabba l-inadempjenza ta’ terzi, u konsegwenza ta’ hekk saħansitra hemm pendenti proċeduri separati li nbdew kontra dawn it-terzi.

L-intimat issottometta ukoll li huwa mhux direttur ta’ A.L. Projects Limited, iżda impjegat li kien inkarigat li jieħu ħsieb dan il-proġett partikolari. Intqal ukoll li sabiex din il-Qorti tilqa’ l-Mandat, irid jirriżulta fuq bażi *prima facie* u b’mod oġġettiv li r-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 315 tal-Att dwar il-Kumpanniji huma sodisfatti, jiġifieri li Kevin Vassallo wettaq frodi intenzjonata għad-detriment ta’ kredituri ta’ A.L. Projects Limited.

Il-Qorti iżda tirrileva li f’dan l-istadju, dak li qiegħed jintalab minnha huwa li żżomm lil Kevin Vassallo milli jbiegħ, jittrasferixxi jew b’xi mod jiżvesti ruħu minn proprjetà immobiljari tiegħu, sabiex f’każ li fi proċeduri separati fil-mertu jiġi deċiż li Kevin Vassallo personalment għandu jwieġeb għall-mod kif ġie amministrati n-negozju ta’ A.L. Projects Limited, ir-rikorrenti jsibu biżżejjed assi sabiex ikunu jistgħu jikkawtelaw il-pożizzjoni tagħhom. F’dan l-istadju l-Qorti mhix tintalab teżamina l-mod kif ġiet amministrata A.L. Projects Limited, jekk

kienx hemm intenzjonijiet jew għemil frawdolenti da parti tad-diriġenti tagħha, u jekk kienx hemm fondi li suppost intużaw biex tħallsu l-kredituri ta' din il-kumpannija, iżda minflok ġew devjati lejn bnadi oħra. Għaldaqstant tqis illi l-asserzjoni tal-parti intimata li din il-Qorti trid almenu ssib prova *prima facie* li kien hemm għemil jew intenzjoni frawdolenti da parti tal-intimat, għandha mill-fieragħ. Il-proċedura tal-Mandat ta' Inibizzjoni qiegħda ssir mir-rikorrenti in kawtela ta' pretensjonijiet li huma jidhrilhom li għandhom iressqu 'l quddiem permezz ta' azzjoni fil-mertu. Hija dik l-azzjoni fil-mertu li trid tkun ibbażata fuq l-artikolu 315 (1) tal-Att dwar il-Kumpanniji, u mhux il-proċedura odjerna.

Il-Qorti kkonsidrat li l-artikolu 315(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji jitkellem dwar "persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju". Dan ifisser li l-azzjoni tista' ssir kontra kull persuna li kienet parteċipi fit-tmexxija tan-negozju li jkun. Di più, il-Professur Andrew Muscat fil-'*Principles of Maltese Company Law*'[15], jgħid:

> "*The provision* (b'referenza għal Art. 315) *can be invoked against any person involved in the fraud. Liability may therefore be imposed on directors, managers, shareholders and on any other person as long as they are knowingly parties to the fraud."*

Dan ifisser li persuna bħall-intimat, Kevin Vassallo, li jiddikjara li kien *shadow director* tal-kumpannija A.L. Projects Limited, ma jistax jitqies li huwa eżonerat mir-responsabbiltà personali f'każ li fi proċeduri dwar il-mertu jirriżultaw l-estremi maħsuba fl-artikolu 315(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji.

[15] Pag. 257.

Il-Qorti tqis li dment li għadha trid issir indaġni dwar jekk id-diretturi ta' A.L. Projects Limited għandhomx jinżammu personalment responsabbli għall-obbligi ta' din l-istess kumpannija, għandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti li qegħdin jippruvaw jikkawtelaw il-pożizzjoni tagħhom f'każ li fil-proċeduri fil-mertu jirriżulta li d-diriġenti ta' din il-kumpannija għandhom iwieġbu personalment. Din id-deċiżjoni hija mmotivata partikolarment mill-fatt li jidher li ż-żamma tal-bejgħ ta' dak li jista' jiġi meqjus li huwa l-uniku ass immobiljari tal-intimat, huwa l-uniku mod kif ir-rikorrenti jistgħu jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti trid tenfasizza li b'din id-deċiżjoni mhix qiegħda tiddeċiedi li l-intimat aġixxa b'mod li jista' jitqies frawdolenti għad-detriment tal-kredituri. Il-Qorti mhijex mistennija fl-ambitu ta' dawn il-proċeduri li tidħol fil-qofol tal-mertu, f'eżami akkurat dwar jekk id-diriġenti tal-kumpannija mexxewx il-kumpannija bil-ħsieb li jiffrodaw lill-kredituri tagħha. Iżda l-Qorti tqis li għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri huwa suffiċjenti li mad-daqqa t'għajn jidher, anki fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) tal-31 ta' Jannar, 2019[16], li d-diriġenti ta' A.L. Projects Limited ma mxewx bl-għaqal li kien rikjest minnhom fl-amministrazzjoni ta' din il-kumpannija, u għaldaqstant tqis illi it-talba tas-soċjetajiet rikorrenti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandha tiġi milqugħa.

[16] **Camilleri Paris Mode Limited (C 16536) et *vs.* A.L. Projects Limited ġia magħrufa Auntie Lucy Ltd (C 12622) et**, mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ)

**<u>Decide</u>**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tilqa' b'mod definittiv it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex jikkawtelaw il-jeddijiet tagħhom billi jżommu lill-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi, jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà immobbli, u b'mod partikolari d-dar numru sebgħa (7), inkluż l-arja sovrastanti u s-sottosuol tagħha, kif ukoll il-ġnien anness magħha, fi Triq Blanche Huber, Sliema, kif aħjar deskritta fil-kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku André Farrugia, fid-disgħa (9) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015).**

**Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din id-deċiżjoni tintbagħat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet.**

**Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tal-intimat.**

Mogħti kameralment fit-2 ta' Marzu, 2020.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**